MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 656/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**VS**
**SHARON TONNA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sharon Tonna ta' 40 sena, bint Dante Galea u Filomena nee' Pace, mwieled 1 ta' Lulju 1971, residenti 1, Bellavista, Triq Orlando Zabbar, ix- Xghajra u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 329171M;

Talli nhar it- 22 ta' Marzu 2010 ghal habta tas- 6.45pm filwaqt li kienet quddiem ir- residenza taghha, fi Triq Orlando Zabbar, Xghajra, xjentement ikkawzat hsarat volontarji fuq il- vettura tal- ghamlta Hyundai, mudell Coupe GK 2,0GLS u li ghandha numru tar- registrazzjoni

DOT 800 liema hsarat jammontaw ghal madwar €295 ghad- dannu ta' Joseph Tonna u persuni ohra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata hi separata minn mar-ragel taghha, il-parti leza f'din il-kawza. Fid-data indikata, Joseph Tonna kien ghaddej bil-vettura tieghu minn hdejn id-dar fejn tghix l-imputata, u waqaf jiehu ritratti taghha qed titkellem ma' terz, presumibbilment biex dawn jintuzaw bhala prova eventwali fil-kaz ta' separazzjoni. Bhala reazzjoni ghal dan l-agir tar-ragel taghha, bdiet taghti bis-sieq lill-vettura ta' Joseph Tonna, u ghamlet hsara fl-ammont ta' €295.

Mil-provi prodotti, dan il-kaz jirrisulta ampjament ippruvat. Ma hemmx dubju li kienet l-imputata li tat bis-sieq lill-vettura indikata. Hemm ritratti ta' hekk, cari u univoci. Il-Qorti tifhem li f'kaz ta' separazzjoni, specjalment wahda missielta bhal tal-konjugi Tonna, il-frustrazzjoni u l-esasperazzjoni taz-zewg nahat iwasslu ghal azzjoni irrazzjonali mit-tnejn, azzjoni li normalment kienu jevitaw. Ghalhekk, kwantu ghall-piena, il-Qorti ma tarax li ghandha tkun iebsa mal-imputata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (1) (b) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputata thallas is-somma ta’ mitejn u hamsa w disghin ewro (€295) lil Joseph Tonna fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------